MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Numru. 259/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Daryl Schembri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Daryl Schembri iben Jude Thaddeus u Ingrid nee' Zammit imwieled Pieta` fis-6 ta' Dicembru 1992 u residenti gewwa 38A, Hill Dale, Triq Birzebbuga, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 577692M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Frar 2011, u matul iz-zminijiet ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali aggornata li hija wahda netta u l-fatt li jidher li ghandu hajja stabbli u qed jigi segwit mill-genituri tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument JF2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------